Malta-EU Steering & Action Committee

**Is-Sehem ta' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili fil-Kumitati Settorjali tal-MEUSAC**

**Kriterji ta' eliġibilità għall-għażla ta' għaqdiet mhux governattivi fil-Kumitati Settorjali tal-MEUSAC**

- Biex tieħu sehem fil-Kumitati Settorjali, hu rakkomandat li organizzazzjoni volontarja tkun iskritta mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492).

- Jekk organizzazzjoni volontarja ma tkunx iskritta, malli din l-organizzazzjoni tiġi approvata mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji sabiex tirrappreżenta is-settur li fih hi nvoluta fuq wieħed minn dawn il-kumitati, hu rakkomandat li titlob l-iskrizzjoni. Fi żmien ġimgħatejn, il-Kummissarju jipproċessa din l-applikazzjoni u, jekk l-organizzazzjoni tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Liġi, joħroġ Ċertifikat ta' Iskrizzjoni skond l-Artiklu 14 ta' l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.

- Entitajiet oħra, inkluż dawk li ma jaqawx taħt id-definizzjoni ta' organizzazzjoni volontarja taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, iżda li jistgħu jagħtu kontribut validu fil-proċess ta' konsultazzjoni, jistgħu jiġu aċċettati f'wieħed jew iktar minn wieħed mill-Kumitati Settorjali dment li jissodisfaw il-kriterji l-oħra kollha.

- Organizzazzjonijiet li jaħdmu/joperaw fl-istess settur u li s-sħubija f'dawn l-organizzazzjonijiet tikkonsisti minn inqas minn 100 membru[1], jistgħu jiġu mitluba biex waqt laqgħa apposta li ssir għalihom, jeleġġu minn fosthom organizzazzjoni jew persuna li tirrappreżentahom f'Kumitat jew f'Kumitati Settorjali. Għal dan il-għan, jistgħu jwaqqfu organizzazzjoni temporanja taħt l-Artiklu 16 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji jew joħolqu federazzjoni ta' organizzazzjonijiet volontarji u jitolbu li din tiġi iskritta mal-Kummissarju.

- Jekk l-organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti ikunu jridu rappreżentanza f'iktar minn Kumitat Settorjali wieħed, jistgħu jagħżlu

[1] Biex ikun ċar, il-kelma 'membru' tfisser individwu li nkiteb mal-organizzazzjoni, għandu livell ta' mpenn sostnut, u l-involviment tiegħu huwa minn natura tiegħu stess parti mill-azzjoni kollettiva tal-organizzazzjoni iktar milli reċipjent dirett ta' l-attivita`.

organizzazzjoni jew persuna differenti għal kull kumitat li fihom ser ikunu rappreżentati.

- Entitajiet li jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni huma nfurmati li l-kontribut tagħhom f'konsultazzjonijiet jistgħu jkunu pubblikati fuq l-internet jew f'kwalunkwe dokument uffiċjali tal-MEUSAC flimkien mal-identità tal-kontributur, sakemm il-kontributur ma joġġezzjonax li tiġi ppublikata d-data personali fuq il-bażi li tali pubblikazzjoni tista' tkun ta' ħsara għall-interessi tiegħu jew tagħha.

- Il-kriterji:

  Għaqda jew assoċjazzjoni:

  *a)* *għandha tkun reġistrata jew reġistrabbli bħala persuna ġuridika kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili, kemm jekk ma tkunx, u sew jekk tkun iskritta skond l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (kif hu rakkomandat li tkun), sew jekk ma tkunx;*
  *b)* *għandha turi li kellha esperjenza ta' mpenn fi ħdan is-soċjeta` Maltija matul l-aħħar tnax-il xahar u tagħti xiehda tar-relevanza fl-oqsma tagħha fir-rigward tal-Kumitat/i Settorjali li fih/hom tixtieq tipparteċipa;*
  *ċ)* *għandha turi, partikolarment permezz tal-istruttura organizzattiva tagħha, li b'mod raġonevoli hija rappreżentattiva u li tista' tipparteċipa b'mod sħiħ fil-laqgħat tal- Kumitat Settorjali relevanti;*
  *d)* *għandha turi li l-għanijiet li għalihom inħolqot m'humiex, b'mod negattiv, diskriminatorji fuq raġunijiet definiti skond it-Trattati u l-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea;*
  *e)* *għandha tapplika l-prinċipji ta' ftuħ, trasparenza, onestà u integrità, kif leġittimament mistenni minnha, u;*
  *f)* *ma tistax tkun involuta jew tippromwovi attivita` kriminali jew sovversiva.*

- Barra minn hekk, l-għaqda jew assoċjazzjoni għandha:

  *a)* *tidentifika r-rappreżentanti u l-esperti tagħha b'isimhom u l-entitajiet li fihom jaħdmu (kemm għal qliegħ kif ukoll fuq bażi volontarja) jew li jirrapreżentaw;*
  *b)* *tiddikjara l-interessi tagħha, u fejn applikabbli l-interessi tal-membri jew klijenti li tirrappreżenta jew li jagħtuha appoġġ finanzjaru, u;*
  *ċ)* *tiżgura li, sa fejn taf hi, l-informazzjoni li tipprovdi hija oġġettiva, sħiħa u aġġornata u li m'hijiex preġudikata jew qarrieqa.*
  *d)* *Wara li organizzazzjoni volontarja tintgħażel sabiex tirrappreżenta settur partikolari din trid ikollha ċertifikat li hi reġistrabbli mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.*

- Sabiex il-kumitati settorjali jaħdmu kif mixtieq, l-għaqda jew assoċjazzjoni m'għandhiex:

*a)* *tiżgwida lil uffiċjali pubbliċi jew/u terzi entitajiet bir-reġistrazzjoni tagħha;*

*b)* *tikseb jew tipprova tikseb informazzjoni, jew xi deċiżjoni, b'mod inġust;*

*ċ)* *tipprova tisforza uffiċjal pubbliku biex jikser xi regolament jew ma jonorax dak li hu mistenni minnu;*

*d)* *turi nuqqas ta' rispett lejn il-ħtieġa ta' kunfidenzjalita` jew żamma mar-regolamenti fil-każ li timpjega jew tinvolvi persuni li kienu uffiċjali pubbliċi.*